**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 2 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 715/01 AJD*

JAG Limited

vs

Publius Paul Farrugia

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebghin liri Maltin (Lm370.00) rappresentanti zewg skadenzi ta' cens dovut fuq il-propjeta' The Ridge House, Triq Juan B. Azopardo, Birguma, San Pawl tat-Targa, liema cens ta' mija u hamsa u tmenin liri Maltn (Lm185.00) kull sena kellu jithallas fl-4 ta' Marzu, 2000 u fl-4 ta' Marzu, 2001, rispettivament, izda baqa' ma thallasx mill-konvenut nonostante li gie interpellat diversi drabi.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju, 2000, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebghin liri Maltin (Lm370.00), bl-imghaxijiet dekorribbli mit-12 ta' Mejju, 2000, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR